MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 357/2008

Fl-Atti tar-Rikors tas-soċjeta’ **C.I. Gauċi Limited** bin-numru tar-reġistrazzjoni (C-30025)

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment mogħti għal-finijiet tal-artikolu 329B tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji (Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta’ Malta) fuq talba magħmula mill-kumpannija C.I. Gauci Limited f’rikors imressaq minnha fil-11 ta’ April, 2008, biex din il-Qorti (i) tpoġġi l-imsemmija kumpannija taħt proċedura ta’ rkupru; (ii) taħtar kontrollur speċjali sabiex jaqdi l-funzjonijiet u setgħat li hija jogħġobha tafdalu fl-amministrazzjoni, fl-immaniġġjar u n-negozju tal-istess kumpannija; (iii) tagħti żmien li fih il-kontrollur speċjali hekk maħtur irid iwettaq il-ħatra mogħtija lilu; (iv) tiffissa l-ħlas dovut lill-kontrollur speċjali; u (v) tistabilixxi ż-żmien li fih l-istess kumpannija rikorrenti għandha tiddepożita l-ammont jew tipprovdi garanzija oħra xierqa jew tipprovdi arranġament ieħor xieraq li jkun biżżejjed

biex ikopri l-ħlas u l-spejjeż minfuqa mill-kontrollur speċjali fit-twettiq tal-inkarigu tiegħu;

Illi fl-imsemmi rikors, il-kumpannija rikorrenti (aktar 'il quddiem imsejħa "CI") tgħid li hija kumpannija li ilha reġistrata f'Malta sa minn Lulju tal-2002 u li topera fil-qasam tal-importazzjoni u bejgħ fis-suq Malti ta' bosta għamliet ta' prodotti tal-injam u prodotti li għandhom x'jaqsmu mal-injam, bħal bibien, pumi u ċappetti;  li hija daħlet f'obbligi ta' għamla finanzjarja ma' terzi li ma tistax tonorahom, wara li, matul l-2005, inbeda xogħol ta' bdil ta' Triq l-Imdina, f'Ħal Qormi, fejn hija għandha l-istabiliment ewlieni tagħha;  matul iż-żmien li kienu għaddejjin l-imsemmija xogħlijiet (madwar tmien xhur), l-aċċess għall-istabiliment tagħha mill-klijenti tagħha tneħħa għal kollox u l-bejgħ waqa' lura[1];  minkejja li t-triq reġgħet infetħet wara li ntemmu x-xogħlijiet, il-bejgħ baqa' ma ħax ir-ruħ, u dan minħabba nuqqas ta' "*stock*" li wassal biex bosta mill-klijenti tal-kumpannija ma sabux li riedu, tnaffru u marru jixtru mingħand kumpanniji oħrajn, kompetituri tagħha; f'din il-qagħda, hija talbet lill-bank tagħha li jkabbrilha l-faċilita' bankarja li diġa' kellha miegħu, imma n-negozjati ma wasslu mkien; minbarra dan, ittieħdet id-deċiżjoni li l-kumpannija tibdel l-istabiliment kummerċjali tagħha, billi tħalli dak li kellha u tidħol f'ieħor iżgħar fl-istess triq;  il-qagħda ssoktat teħżien u l-kumpannija kellha ttemm l-impieg tal-impjegati tagħha;  li llum il-ġurnata CI tagħraf li għandha kredituri li għandhom jieħdu mingħandha mal-ħames mija u ħdax-il elf euro (€511,000), li bosta minnhom igawdu sigurta' fuq il-kreditu tagħhom; li hija mhix f'qagħda li tħallas dawk il-kredituri u lanqas jidher li tista' tagħmel dan fil-ġejjieni qarib u dan ukoll fit-termini tal-artikolu 214(5) tal-Att;  li bħalissa l-attiv tagħha huwa anqas mill-passiv[2];  li bħalissa CI għaddejja fi trattativi ma' investitur lokali li jidher imħajjar jinvesti mal-mija u sbatax-il elf ewro (€ 117,000) biex tkun tista' tirkupra u tħallas id-djun tagħha;  li hija ħejjiet pjan ta' ristrutturar (*business plan*) maħsub li ttejjeb u ssaħħaħ il-pożizzjoni billi tkabbar il-produttivita' u b'hekk taqta' djunha u ssaħħaħ l-attiv tagħha;  li fid-dawl ta' dan il-pjan li tħejja, il-membri tagħha

[1] Affidavit ta' Chris Gauċi, f'paġ. 27 tal-atti
[2] Dok "E", f'paġ. 16 tal-atti

ressqu riżoluzzjoni straordinarja li biha qablu li l-kumpannija rikorrenti tniedi din il-proċedura ta' rkupru li permezz tagħha hija tipprevedi li tista' tibqa' azjenda vijabbli billi ttejjeb il-qagħda finanzjarja tagħha; u li hija tikkwalifika bħala "kumpannija żgħira" li għandha aktar mill-valur ta' mitejn elf lira Maltija dovut lill-kredituri tagħha, għall-finijiet tal-artikolu 185 tal-Att;

Rat id-dokumenti mressqin flimkien mar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' April, 2008, li bih qiegħdet ir-rikors għas-smigħ u ordnat in-notifiki meħtieġa;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati tal-kumpannija rikorrenti u ta' wħud mill-avukati ta' kredituri ta' CI;

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' April, 2008, li bih tat lill-partijiet interessati żmien biex min għandu interess iressaq is-sottomissjonijiet jew provi dokumentali li jidhirlu meħtieġa;

Rat in-Nota mressqa mill-Bank of Valletta p.l.c. fit-28 ta' April, 2008[3], li biha iddikjara li, wara li irreveda s-sitwazzjoni, ħalla f'idejn il-Qorti biex tara jekk għandhiex tilqa' t-talba tal-kumpannija rikorrenti;

Rat it-Tweġiba mressqa fit-28 ta' April, 2008, minn Texwood Trading GmbH[4] għall-finijiet tal-imsemmi degriet;

Rat in-Nota mressqa mill-kumpannija rikorrenti fit-28 ta' April, 2008 bix-xhieda bl-affidavit tad-direttur Chris Gauċi u l-*accountant* William Spiteri Bailey, u bi provi dokumentali oħrajn mehmużin magħhom;

Rat in-Noti mressqin fid-29 ta' April, 2008, minn Shelman Swiss Hellenic Wood Products Manufacturers S.A.[5], u mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud[6];

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-kumpannija rikorrenti;

---

[3] Paġ. 25 tal-atti
[4] Paġġ. 40 – 2 tal-atti
[5] Paġġ. 44 sa 59 tal-atti
[6] Paġġ. 60 sa 92 tal-atti

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukati preżenti;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Mejju, 2008, li bih ħalliet ir-rikors għall-provvediment li qiegħed jingħata llum kameralment;

***Ikkunsidrat:***

Fl-ewwel lok, il-Qorti qieset li **l-għan maħsub mil-liġi għall-proċedura ta' rkupru** huwa dak fejn kumpannija kummerċjali tingħata l-opportunita' li meta tkun għaddejja minn żmien ta' nuqqas ta' likwidita', titqiegħed għal xi żmien (li ma jkunx itwal mkinn tnax-il xahar) taħt sura ta' tmexxija li jista' jwassalha biex terġa' tistejqer u tmexxi 'l quddiem bi qligħ in-negozju tagħha, bla ma jkun hemm għalfejn li titqiegħed fi stralċ jew tkun xolta. "*The procedure is intended to be an alternative to the liquidation of a troubled business. It is not however intended to mask effective insolvency or to merely postpone the inevitable crash*"[7];

Qieset ukoll li din il-proċedura partikolari li ddaħħlet fil-liġi tagħna bis-saħħa tal-Att IV tal-2003, hija msejsa fuq is-sistema tal-"*administration*" li jitħaddem fid-dritt Ingliż dwar il-Kumpanniji. F'dak ir-rigward, ingħad li "*Inevitably the procedure obliges the court, lawyers and accountants to approach the problem raised with commercial awareness and sensibility. The court, in particular, is being asked on the hearing of the petition to make a commercial judgement which is often difficult to make even for a business person. The procedure is court based and professional advisers must be involved from the earliest point possible; much of the success of the procedure will depend on the preliminary work leading up to presentation of the petition.*"[8] Fid-dawl ta' dawn il-ħtiġijiet daqstant tekniċi, din il-Qorti trid iżżomm quddiem għajnejha wkoll li l-leġislatur tagħna deherlu, xorta waħda, li jippreskrivi li

[7] A. Muscat Principles of Maltese Company Law (UOM, 2007), §11.2.6, f'paġ. 45
[8] Bailey, Groves & Smith Corporate Insolvency (2nd. Edit, 2001) § 4.7, f'paġ. 120

proċedura bħal din m'għandhiex ittul iżjed minn għoxrin jum tax-xogħol minn mindu jitressaq ir-Rikors[9];

Fit-tieni lok, qieset **il-qagħda finanzjarja attwali** tal-kumpannija rikorrenti, li minnha joħroġ li din tinsab għaddejja minn fażi fejn ma tistax tħallas id-djun tagħha[10] u li, fil-fatt m'hijiex qegħda tissalda d-djun jew talbiet għall-ħlas li qegħdin isirulha mill-kredituri tagħha. Jirriżulta wkoll li hemm aktar minn kategorija waħda ta' kredituri ta' CI, kemm lokali u kif ukoll minn barra minn Malta, konsistenti f'dawk li jgawdu preferenza jew garanzija fuq il-krediti tagħhom, u kif ukoll kredituri kummerċjali ("*trade creditors*") u saħansitra xi pagi li sal-lum baqgħu ma tħallsux (jirriżulta wkoll li wieħed mid-diretturi ta' CI huwa wkoll kreditur f'somma sostanzjali[11]). Jirriżulta wkoll li bħalissa l-kumpannija rikorrenti għadha twettaq atti ta' kummerċ, iżda f'volum imnaqqas ħafna meta mqabbel ma' dak li kellha qabel l-2005. Jirriżulta li bħalissa xi wħud mill-kredituri ta' CI diġa' fetħu kawżi f'dawn il-Qrati bit-talbiet tagħhom għall-ħlas tal-krediti, u f'żewġ każijiet minnhom, kisbu sentenzi li ikkanonizżżaw il-krediti u saħansitra nidew proċeduri għall-eżekuzzjoni tal-imsemmija krediti;

Qieset li waħda mill-kredituri ta' CI – Texwood Trading GmbH – tisħaq li t-tressiq tar-rikors tal-lum ma sarx f'waqtu, għaliex tgħid li CI ilha f'qagħda li ma tistax tħallas djunha, u nqdiet b'din il-proċedura biss biex terġa' ddur fuq il-wegħdiet tagħha li tħallas kif miftiehem minnha stess. Iżżid tgħid li CI ukoll ilha żmien taf li hija fi stat ta' insolvenza u għalhekk dan ir-rikors tressaq wisq żmien wara li kien messu tressaq skond il-liġi[12]. Fil-fehma tal-Qorti, madankollu, għalkemm huwa minnu li x'aktarx li d-diretturi ta' CI kienu ilhom bosta xhur jafu li l-kumpannija ma kinitx f'qagħda li tħallas djunha f'waqthom, dan ma jżommhiex milli tressaq it-talba li saret fir-Rikors tal-lum jew li jingħad li Rikors bħal dak ma jistax isir aktar wara li jgħaddu t-tletin jum preskritti, jekk kemm-il darba

[9] Art. 329B(3)(e) tal-Kap 386
[10] Art. 329B(1)(a) tal-Kap 386
[11] Dok "A", f'paġ. 7 tal-atti
[12] Art. 329A tal-Kap 386

jikkonkorru ċ-ċirkostanzi l-oħra maħsuba mill-artikolu 329B biex dan isir[13];

Fit-tielet lok, il-Qorti qieset **ir-regolarita' tar-rikors** għal dak li jirrigwarda l-formalitajiet meħtieġa biex seta' jitressaq u s-siwi tiegħu. Jirriżulta li s'issa dwar CI la ġiet xolta volontarjament u lanqas ingħata dwarha xi ordni ta' stralċ[14]. Jidher li l-kumpannija rikorrenti ressqet flimkien mar-rikors dikjarazzjoni tal-attiv u l-passiv u wkoll lista ta' kredituri u l-ammonti tal-krediti u tagħrif ieħor[15], liema tagħrif ingħata wkoll aktar kjarifiki dwaru fix-xhieda mressqa quddiem il-Qorti, kemm min-naħa tal-istess CI u kif ukoll minn mistoqsijiet magħmulin mill-avukati tal-kredituri. Jirriżulta li r-rikors fih ukoll dikjarazzjoni u tismija ċara taċ-ċirkostanzi u r-raġunijiet li CI tqis li wasslu għall-qagħda ta' bħalissa u dikjarazzjoni ta' kif il-qagħda finanzjarja u ekonomika tagħha tista' tittejjeb għall-benefiċċju tagħha u tal-kredituri tagħha[16]. Jirriżulta wkoll li d-deċiżjoni biex din il-proċedura tintalab ittieħdet bis-saħħa ta' riżoluzzjoni tal-azzjonisti ta' DI debitament imlaqqgħa[17], segwita b'riżoluzzjoni meħuda f'laqgħa tal-Bord tad-Diretturi dak inhar ukoll[18];

Fir-raba' lok, il-Qorti qieset **il-pjan propost** mill-kumpannija rikorrenti bħala l-bażi li fuqu hija qegħda ssejjes din it-talba tagħha. Dan kien l-aspett li l-iżjed ħabbel ras il-Qorti. Dan jingħad għaliex CI tillimita l-pjan tagħha bħala wieħed li jżommha bħala ażjenda vijabbli[19], u mhux ukoll għall-finijiet li tasal f'arranġament mal-kredituri tagħha biex tħallashom kif maħsub fl-artikolu 327 tal-Att. Kemm hu hekk, fi kliem Chris Gauċi[20], il-pjan imfassal minn CI huwa dak li "*fil-bidu naħdmu fuq l-importazzjoni ta' bibien sabiex niġġeneraw 'cash flow' adegwata. Il-flus li s-soċjeta' tiġġenera jiġu użat(i) sabiex tissuplixxi 'stock' li huwa nieqes b'hekk il-kumpannija tagħna tkun reġgħet issaħħet fil-qasam ta' l-importazzjoni*

[13] Cfr. Muscat, *op. cit.* § 8.3, f'paġ. 768
[14] Art. 329B(1)(f) tal-Kap 386
[15] Art. 329(2)(b) tal-Kap 386
[16] Art. 329B(2)(a) tal-Kap 386
[17] Dok "Ċ", f'paġ. 14 tal-atti
[18] Dok "D", f'paġ. 15 tal-atti
[19] Art. 329B(3)(b)(ii) tal-Kap 386
[20] Affidavit tiegħu f'paġġ. 27 – 8 tal-atti

*ta' bibien u fl-istess ħin tkun qed tissuplixxi 'stock' eżistenti u tixtri 'stock' ġdid*". Ma' dan, l-interess tal-investitur li wera l-ħajra li jwettaq dan il-pjan hu li, eventwalment, jingħata seħem mill-ishma tal-kumpannija. L-istess investitur jiċħad b'mod kategoriku li l-kontribut tiegħu huwa dak li jikkonċerna ruħu dwar kif il-kredituri sejrin jitħallsu lura dak li hu dovut lilhom. Stqarrija bħal din, minn investitur li 'l quddiem fi ħsiebu jikseb sehem mill-ishma tal-kumpannija, ma tistax titqies li l-kumpannija qegħda tillimita l-pjan tagħha biss għall-vijabilita' li tista' tiġri u tista' wkoll ma tasal qatt;

Illi meta wieħed jara mbagħad x'qal l-*accountant* tal-istess kumpannija[21], u jqabbel dan kollu ma' dak li xehed l-istess investitur[22] "salvatur", wieħed isib li dan il-pjan huwa biss sajda għal ħsibijiet vagi ta' x'jista' jsir u mhux ta' x'inhu fis-setgħa tal-kumpannija li twettaq fir-rejalta' tal-qagħda li tinsab fiha. Ix-xhieda ta' d-direttur maniġerjali mogħtija minnu quddiem il-Qorti waqt il-kontro-eżami turi wkoll grad għoli ta' inċertezza u ħsibijiet vagi li ma jnisslu l-ebda konvinċiment fil-Qorti li l-pjan imfassal huwa wieħed li tassew iwassal lil CI li terġa' tqum fuq saqajha wara ż-żmien[23]. Dan minbarra li, sal-lum, jirriżulta li dan il-pjan lanqas biss tfisser lill-kredituri ewlenin ta' CI;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li kieku r-Rikors tressaq bil-ħsieb li jintlaħaq arranġament mal-kredituri għall-finijiet tal-artikolu 327 tal-Att, kien ikun hemm iżjed raġunijiet biex il-Qorti tilqa' t-talba. Iżda, kif ingħad, il-ħsieb ta' CI huwa biss dak li 'l quddiem terġa' tkun kumpannija vijabbli;

Illi f'dan ix-xenarju, l-Qorti qiegħda tqis ukoll li l-pjan propost, għall-anqas mad-daqqa ta' għajn u kif imfassal, ma joffrix ċertezza lill-kredituri (imqar dawk ewlenin) għall-ħlas tal-krediti tagħhom. Meta wieħed iqis ukoll x'inhuma l-ispejjeż (dak li l-liġi ssejjaħlu bħala l-"kost li jkollu jsir biex tkun adottata proċedura" bħal din)[24] li jkunu meħtieġa jekk jingħata ordni ta' rkupru, jidher ċar li dawk l-ispejjeż se'

[21] Affidavit ta' William Spiteri Bailey, f'paġ. 30 tal-atti
[22] Xhieda ta' Raymond Buħaġiar f'paġġ. 110 sa 126 tal-atti
[23] Xhieda ta' Chris Gauċi, f'paġġ. 95 – 9 tal-atti
[24] Art. 329B(3)(ċ)(ii) tal-Kap 386

jkunu ntefgħu f’bir bla qiegħ meta setgħu ntużaw b’mod aktar għaqli. Jidher ukoll li l-imsemmi pjan jagħti dehra li huwa tentativ biss biex itawwal il-miġja ta’ tmiem inevitabbli;
Illi f’dawn iċ-ċirkostanzi, l-Qorti ma ssibx li jikkonkorru l-elementi kollha mitluba mil-liġi biex tagħti ordni li jqiegħed lil CI taħt proċedura ta’ rkupru;

Illi l-Qorti qiegħda tqis u żżomm f’moħħha wkoll (wara li semgħet is-sottomissjonijiet tad-difensuri ta’ wħud mill-kredituri) li ċ-ċaħda tat-talba tal-kumpannija rikorrenti ma tagħlaqx il-bieb biex b’mod raġunat il-pretensjonijiet tal-kredituri jistgħu jkunu riskedati;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti billi:

**Tiċħad it-talbiet** tal-kumpannija rikorrenti, bl-ispejjeż;

**Tordna** n-notifika ta’ dan id-degriet lir-Reġistratur tal-Kumpanniji a kariku tal-kumpannija rikorrenti;

Mogħti kameralment illum, 9 ta’ Mejju, 2008.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------